# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 4 TA' LULJU, 2001

*Avviz. Nru 1593/00 AJD*

Grima Communications Ltd.

vs

Noel Borg of Zaffarese Visual and Display u b'digriet tat-22 ta' Frar, 2001, giet awtorizzata il-kjamata in kawza tas-socjeta' Visual Sound and Display Ltd

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) bhala bilanc fuq pakkett ta' reklami li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici u li minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut baqa' inadempjenti u b'hekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, kontra l-konvenut.

Ra d-digriet tat-22 ta' Frar, 2001, fejn giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta' Visual Sound and Display Ltd.

Ra d-digriet tal-21 ta' Jannar, 2001, fejn is-socjeta' attrici giet awtorizzata ccedi l-atti tal-kawza fil-konfronti tal-konvenut Noel Borg.

Ra li s-socjeta' kjamata in kawza debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lynn Zahra in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' kjamata in kawza.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR